# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 6 ta' Marzu 2025**

**Numru 3**

**Rikors Numru 1242/18 TA**

**GasanMamo Insurance Limited (C 3143)**

**vs**

**Robert Riolo (ID 391966M) u Xwieki (Works) Limited (C15559) ġa Bitmac (Works) Limited u b'digriet tal-31 ta' Ottubru 2019 ġie kjamat in kawża Matthew Muscat**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjeta' attriċi ppreżentat fit-12 ta' Diċembru 2018 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

*"Illi Jesmond Sciberras (ID 438965M) kien il-propjetarju tal-bastiment li jismu MY Michelle (numru ta` reġistrazzjoni SSR147552) li kien depożitat fuq l-art ġewwa boatyard provdut u operat mis-soċjetà konvenuta u mill-intimat Riolo.*

*Illi fil-lejl tal-1 ta` Frar 2018 kien hemm inċident ta` nirien fl-imsemmija*

*boatyyard u dan in-nirien mexa minn fuq bastiment għall-ieħor u b'riżultat tiegħu ġiet totalment distrutta d-dgħajsa fuq imsemmija.*

*Illi l-ħsara subita mill-imsemmi Jesmond Sciberras ammonta għal €189,050.*

*Illi l-intimati huma unikament responsabbli għall-ħsarat fuq imsemmija u dan stante illi fl-operazzjoni u maniġġjar tal-imsemmija boat yard, huma naqsu serjament milli jieħdu l-prekawzjonijiet xierqa u opportuni sabiex jevalwaw riskju tal-ħażna ta` kwantità kbira ta` cabin cruisers u dgħajjes u sabiex jipprovdu servizzi sufficjenti kif trid l-arti u s-sengħa kemm ta' prevenzjoni kif wkoll ta kontroll sabiex, jekk jseħħ inċident, li tali inċident jiġi kontrollat biex l-ħsara fuq d-dgħajjes tiġi minimizzata u/jew evitata.*

*Illi l-ħażna tad-dgħajsa imsemmija fl-imsemmija boat yard kien versu ħlas u għalhekk l-obbligu tal-intimati bħala depożitarji kien iktar aċċentwat skond il-liġi.*

*Illi apparti dan jirriżulta illi l-boat yard in kwistjoni ma kienx debitament liċenzjat u/jew adebit b'permessi xierqa u relattivi skond il-liġi sabiex jiġi operat bħala tali.*

*Illi permezz ta` ittra uffiċjali tat-3 ta` April 2018 l-imsemmi Jesmond*

*Sciberras interpella lill-intimati sabiex jersqu għall-likwidazzjoni u ħlas ta` danni subiti.*

*Illi permezz ta` ftehim tat-13 ta` April 2018 l-imsemmi Jesmond Sciberras assenja d-drittijiet tiegħu kollha ta` redress kompriżi d-drittijiet litiġużi li kellu kontra l-intimati u dan versu l-ħlas fuq imsemmija ta` €189,050.*

*Illi permezz ta` ittra uffiċjali tal-20 ta` April 2018, is-soċjetà rikorrenti interpellat lill-intimati fejn informatom bl-imsemmi assenjazzjoni u interpellatom ukoll sabiex iħallsu s-somma fuq imsemmija lill-mittenti.*

*Illi l-intimati baqgħu inadempjenti.*

*Għaldaqstant igħidu l-intimati għaliex din il-Qorti m'għandiex:*

*i. Tiddikjarhom solidarjament responsabbli għall-ħsarat sofferti fuq imsemmija; u*

*ii. Tikkundannhom iħallsu lir-rikorrenti s-somma ta` €189,050.*

*Bl-ispejjeż u bl-interessi b'effett mit-3 ta` April 2018 kontra l-intimati li minn issa huma nġunti għas-subizzjoni."*

Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjeta' konvenuta Xwieki (Works) Limited ġja

Bitmac (Works) Limited (C 15559) datata 17 ta' Ġunju 2019 u li eċċeppiet is-segwenti:

1. *"Preliminarjament, is-soċjeta' attriċi għandha tagħmel prova tac-cessjoni minnha vantata u kif ukoll prova li Jesmond Sciberras, il-persuna imsemmija fir-rikors ġuramentat, kien verament sid id-dgħajsa de quo.*
2. *Mingħajr preġudizzju għas-suespost, fil-kuntratt bejn Jesmond Sciberras u s-soċjeta' esponenti kien hemm kondizzjoni li Jesmond Sciberras kellu jottjeni polza tal-assikurazzjoni "all risks inluding third party risks, fire and theft" u kondizzjoni addizzjonali li l-istess Jesmond Sciberras, "... shall procure that the relative insurance policies shall include a waiver of subrogation clause in favour of BIT." Din il-klawsola kienet saret bl-iskop speċifiku li, minflok idur fuq is-soġjeta' esponenti, Jesmond Sciberras jkun kopert b'assikurazzjoni tat-tip "all risks" inkluż ukoll kopertura fil-każ ta' nirien, b'waiver of subrogation sabiex l-assikurazzjoni ta' Jesmond Sciberras ma tkunx tista' ddur kontra s-soċjeta' esponenti (għaliex ma kienx hemm dritt li fih setgħet tiġi surrogata). Allura, Jesmond Sciberras la seta' jagħti surroga u lanqas seta' jċedi ebda dritt, għaliex id-dritt irrinunzja għalih meta daħal fil-kuntratt. Subordinatament (i) jekk xtara polza mingħajr ir-rinunzja għas-surroga, allura hu tilef id-dritt li djur fuq is-soċjeta' esponenti, u allura ma kellu ebda dritt li seta' jċedih lis-soċjeta' attriċi (ii) jekk mill-banda l-oħra jirriżulta li l-polza kien fiha tali rinunzja, allura jiġi illi Jesmond Sciberras rrinunzja għal kull dritt ta' rivalsa meta xtara l-*

*polza, u meta s-soċjeta' attriċi 'xtrat' id-dritt ta' Jesmond Sciberras dan kien attentat, mhux in buona fede, biex tiġi aġġirata l-kundizzjoni. F'kull każ, it-talbiet għandhom jiġu miċħuda.*

3. *Mingħajr preġudizzju għas-suespost, ai termini tal-ftehim viġenti bejn is-soċjeta' esponenti u s-sid tad-dgħajsa bl-isem 'MY Michelle', il-ħażna tad-dgħajsa in kwistjoni saret għar-riskju waħdieni tas-sid.*
4. *Mingħajr preġudizzju għas-suespost, is-soċjeta' esponenti ma taħtix għall-ħsara allegata mis-soċjeta' attriċi u għalhekk, m'għandhiex tagħmel tajjeb għal ebda danni li setgħet sofriet is-soċjeta' rikorrenti kif allegatament surrogata fid-drittijiet tas-sid tad-dgħajsa bl-isem "Clicquot". Kontrarjament għal dak allegat mis-soċjeta' rikorrenti, is-soċjeta' esponenti ma naqset fl-ebda mill-obbligi jew doveri tagħha skont il-liġi u lanqas minn dawn ai termini tal-ftehim surreferit.*
5. *Fi kwalsijasi każ u mingħajr preġudizzju għall-premess, is-soċjeta' attriċi għandha tagħmel prova tal-quantum tad-danni minnhha allegati in kwantu l-istess quantum huwa kontestat.*
6. *Bl-ispejjeż u salv risposti ulterjuri."*

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Robert Riolo (ID 391966M) datata 13 ta' Novembru 2019 u li eċċeppixxa s-segwenti:

"*1. Illi Jesmond Sciberras detentur tal-Karta tal-Identita' 438965M sid tad-dagħjsa bl-isem MY Michelle (numru ta' registrazzjoni SSR147552), kien, bhas-snin ta' qabel, kien fix-xhur tax-xitwa, ihalli d-dgħajsa MY Michelle fil-boatyard tax-Xwieki, fejn fil-lejl ta' 1 ta' Frar 2018 sar incident ta' hruq*

*b'rizultat li dan l-incident id-dgħajsa giet totalment distrutta;*

*2. Illi l-imsemmi incident (ta' 1 Frar 2081) ma sehh bl-ebda mod minhabba li l-esponent naqas milli jiehu l-prekawzjonijiet xierqa u opportuni jew li jipprovdi servizzi sufficjenti ta' prevenzjoni u kontroll u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza;*

*3. Illi skond ftehiem, l-esponent kien qed jgħid u jagħmilha cara ma' sid id-dgħajsa li d-dgħajsa fil-botyard kienet tkun għar-risku assolut tas-sid ta' l-istess dgħajsa li kien ihalliha hemm;*

*5. Illi l-esponent bhla l-operatur tal-boatyard u ma kellu l-ebda responsabbilita' ta' htija la għal dan l-incident u lanqas għall-allegati danni sofferti minhabba li d-dgħajsa giet distrutta;*

*Għaldaqstant l-esponent bir-rispett jissottometti li t-talbiet attrici għandhom jigu michuda stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.*

*Bl-ispejjez*."

Rat ir-risposta ġuramentata tal-kjamat in kawża Matthew Muscat (ID 371191M) datata 4 ta' Frar 2020 u li eċċeppixxa s-segwenti:

"*Illi l-esponenti gie msejjah bhala kjamat in kawza fid-digriet tal-31 ta' Ottubru 2019 bhala sid tal-motor yacht bl-isem ta' Lady Graziella liema dgħajsa inqerdet għal kollox fl-incident li sehh fl-ewwel (1) ta' Frar tas-sena elfejn u tmintax (2018).*

*Illi l-atturi ma jgawdu ebda relazzjoni guridika u/jew kuntrattwali mal-kjamat in kawza stante illi huma għandhom relazzjoni kuntrattwali mal-intimati l-ohra jew min minnhom.*

*Illi l-esponenti ma għandhu ebda responsabilita għall-imsemmi incident u għalhekk mhuwiex il-legittimu kontradittur. Illi fid-data tal-incident l-esponenti kien imsiefer u halla l-kustodja u sorveljanza tal-ostess dgħajsa f idejn l-intimati jew min minnhom għal-hazna regolari fil-facilita tal-intimati jew min minnhom.*

*Illi fil-mertu u mingħajr pregudizzju għas-suespost, it-talbiet kollha tas-socjeta' attrici fil-konfront tal-esponenti huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jihu michuda bl-ispejjez stante li l-akkadut ma sehx bil-htija tiegħu; l-esponenti qatt ma naqas milli josserva u jaderixxi mar-rekwiziti tal-ligi u l-incident in ezami certament ma sehhx minhabba xi tort, negligenza, nuqqas ta' diligenza, jew nuqqas ta' prudenza jew nuqqas ta' osservanza tal-ligijiet imputabbli lilu.*

*Illi jirrsulta illi l-intimati jew min minnhom ma kellhomx il-permessi necessarji u ma kienux awtorizzat jusaw l-imsemmija art bhala boat yard li għalhekk kienet nieqsa mil-licenzji u awtorizazzjoni regolari.*

*Illi jirrisulta ampjament illi l-intimati jew min minnhom ma zammex d-distanza necessarja fil-hazna tal-imesmmija għajjes u kellhom nuqqasijiet varji li waslu għall-imsemmi incident. Illi l-kawza prossima tal-incident ma gietx definittivament stabbilita u l-esponent joggezzjona bil-qawwa kollha li l-motor yacht tiegħu kienet u setgħet kienet il-kawza prossima tal-incident stante illi l-imsemmija dgħjasa ma kinitx konnessa u supplita bl-elettriku hekk kif irrisulta fl-inkjesta. Illi l-intimati jew min minnhom ma hadu ebda pre kawzjoni u mizuri ta' apparat tas-sigurta u ma għamlu ebda tip tal' Polza tal-Assikurazzjoni sabiex joperaw tali Boat yard. Illi inoltre hija*

*procedura regolari u responsabilita tal-Operaturi ta' kull Yard li taqta u twaqqaf il-kurrent meta il-Yard ma tkunx kustodita u meta ma jkun hemm ebda assistenti fil-yard liema procedura hija wahda adoperata fis-settur u jidher għalhekk car illi fil-kaz in ezami din il-procedura ma kienitx qed tigi osservata.*

*Kwindi hija eskluza b'kull mod kategoriku responsabilita jew responsabilita kontributorja għall-imsemmi sinistru li sehh minhabba imperizja u traskuragni da parti ta' terzi. Illi l-fatt li l-intimati stqarrew lill-inkwirenti li jahsbu li n-nar kien jidher l-aktar qawwi fuq id-dgħajsa Lady Graziella mhux prova li n-nar beda min fuq l-imsemmija dgħajsa meta l-instess inkwirenti kkonferaw sija mill-konvenut Robert Riolo illi d-dgħajsa kollha minbarra d-dgħajsa numru 9 kienu imqabbda mas-supply tal-elettriku; pero Cleaven Portelli jikkonferma li għalkemm kien tiela s-shore power fuq il-Lady Graziella jiccara li ma kienx proprju kkonettjat li għalhekk kellu jeskludi short fuq appliances mill-istess Lady Graziella.*

*Illi l-esponenti jirriserva li jitlob il-hatra ta' esperti fil-materja sabiex jesamina il-provi u jirrelataw ulterjorment fuq il-provi tal-Inkjetsa Magisterjali li certament għandhom jeskludu responsabilita tal-esponenti.*

*Illi l-esponenti ma jistax jigi kkundannat responsabbli għad-danni sofferti min terzi meta l-istess inkjesta eskludiet li l-incident sehh minn att doluz.*

*Illi l-esponent mingħajr pregudizzju għall-premess kien debitament assikruat mas-socjeta MIB Insurnace Agency Limited li sahansitra halsithu għad-danni sofferti fil-motor yacht Lady Graziella. Illi s-socjeta MIB Insurance Agency Ltd tagixxi bhala agent għall-MS AMILIN*

*(Syndicate 2001 at Lloyd's).*

*Illi mingħajr pregudizzju għall-premess d-dannu jehtieg li jigu kwantifikati stante li ma ttiehdet ebda kunsiderazzjoni ta' deprezzament fil-valur tal-imsemmija dgħajsa kwantifikazzjoni li jehtieg ukoll tigi verifikata mill-esperti mahtura fuq dokumenti ta' registrazzjoni u dettalji ohra tal-istess dgħajsa.*

*Mingħajr pregudizzju għall-eccezzjonijiet u riservi ulterjuri skond provi u dokumenti li ser jigu esebiti fl-atti tal-kawza.*"

Rat illi l-verbal datat 5 ta' Frar 2020 jiċċara li din il-kawża miexja mal-kawża bin-numru 1241/18TA GasanMamo Insurance Limited (C 3143) kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurati tagħha John u Alexia Farrugia skond il-liġi u skond il-polza ta' assigurazzjoni vs Xwieki (Works) Limited (C 15559) ġa Bitmax (Works) Limited u Robert Riolo (ID 391966M) u b'digriet tad-9 ta' Lulju 2019 ġie kjamat in kawża Matthew Muscat (ID 371191M) (a fol. 76).

Rat illi hemm ukoll il-verbali datati 28 ta' Frar 2020 (a fol. 83), 15 ta' Settembru 2020 (a fol. 86),17 ta' Mejju 2022 (a fol. 124), 27 ta' Settembru 2022 (a fol. 125), 29 ta' Novembru 2022 (a fol. 126), 16 ta' Frar 2023 (a fol. 126), 26 ta' Ġunju 2023 (a fol. 135), 2 ta' Novembru 2023 (a fol. 136), 1 ta' Frar 2024 (a fol. 137) u 8 ta' April 2024 (a fol. 138) f'dan is-sens.

Rat illi Dr. Massimo Vella, li kien qed jidher għas-Soċjeta' konvenuta, irrileva fil-verbal datat 3 ta' Marzu 2022 illi s-soċjeta' attriċi ressqet xi provi wara li

kienet għalqet il-provi tagħha u li kien ser jitlob l-isfilz tal-istess (a fol. 537) pero' il-Qorti rat ukoll illi ma setgħet issib ebda talba għal dan l-isfilz u dan il-verbal li jinstab fil-kawża bin-numru 1241/18TA.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti

Tqies li għal minn jaqra din id-deċiżjoni ir-referenza għal folio, dawn huma għal dawk fir-rikors 1241/18.

Qrat ix-xhieda fil-kawża.

Rat li l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza'

**<u>Punt ta' fatt</u>**

Huwa fatt mhux kontestat bejn il-partijiet illi seħħ inċident fejn kien hemm diversi dgħajjes stivati fl-1 ta' Frar 2018. Pero', hemm diversi punti ta' kontestazzjoni bejn il-partijiet.

Il-konvenuti, qed jisħqu li jrid ikun ippruvat li l-attur, Jesmond Sciberras, huwa verament sid id-dgħajsa bl-isem MY Michelle bin-numru tar-reġistrazzjoni SSR147552. F'dan ir-rigward il-Qorti ser tanalizza x'tip ta' ftehim kien hemm bejn il-partijiet. Fl-aħħar nett min kien responsabbli għall-inċident li seħħ fl-1 ta' Frar 2018, jekk il-Qorti tkun tista' ssib ħtija fuq bażi ta' probabbilita', u ċioe' skond dak rikjest fil-kamp ċivili.

**<u>Punti ta' kontestazzjoni bejn il-partijiet u kunsiderazzjonijiet</u>**

1. *<u>Is-sid tad-dgħajsa</u>*

L-ewwel punt ta' kontestazzjoni li qam min-naħa tas-soċjeta' konvenuta kien min kien verament sid id-dgħajsa bl-isem MY Michelle.

Fuq dan il-punt, il-Qorti rat illi l-Attur Jesmond Sciberras l-affidavit tiegħu, jindika *statement* maħruġ minn Marina Marbella UK, *purchase agreement and deposit receipt* u bill of sale (a fol. 116 sa 119).

Għaldaqstant, il-Qorti ma għandiex problema biex tikkonkludi li l-attur Jesmond Sciberras huwa s-sid tad-dgħajsa in kwistjoni.

2. *Il-ftehim bejn l-attur, Jesmond Sciberras, u l-konvenuti jew min minnhom*

It-tieni punt ta' kontestazzjoni huwa x'tip ta' ftehim kien hemm bejn l-attur, Jesmond Sciberras, u l-konvenuti jew min minnhom.

Huwa fatt mhux kontestat bejn il-partijiet illi l-Attur, Jesmond Sciberras, kien ħa d-dgħajsa tiegħu ġo post li kien jidher li qed jintuża bħala *boatyard* sabiex iżommu d-dgħajsa tagħhom hemm. Robert Riolo qal fl-affidavit tiegħu li hu kien biss jgħid lin-nies fejn iqiegħdu d-dgħajsa (a fol. 577) u li kien jitkellem mas-soċjeta' konvenuta (a fol. 577 u 578). Reġa' ikkonferma dan meta qal hu ma kienx is-sid tas-sit in kwistjoni iżda biss intermedjarju (Ara a' fol 577, 578 u nota ta' osservazzjonijiet tiegħu a fol. 694).

Fir-rigward ta' dan, il-Qorti setgħet tikkonstata li mill-kopja tal-ftehim ippreżentata mis-soċjeta' konvenuta jemerġi ċar illi kull ftehim li sar bil-miktub, dan dejjem sar bejn is-soċjeta' konvenuta u terzi persuni (a' fol. 64). Robert Riolo jiffirma f'isem is-soċjeta' konvenuta. Kienet proprju s-soċjeta'

konvenuta li ppreżentat kopja tal-istess ftehim li jfisser li kieku ma kinitx taf bil-ftehim lanqas seta' kellha kopja tiegħu. Inoltre', skond dan il-ftehim kienet hi li kienet tiġbor il-flus (klawsola 2). Jesmond Sciberras ukoll xehed illi huwa wkoll kien jaf li l-art hija tas-soċjeta' konvenuta (a fol. 596).

Għaldaqstant, il-Qorti m'għandha jkollha ebda dubju li kull ftehim għad-depositu tad-dgħajjes fuq is-sit in kwistjoni kienu unikament bejn is-soċjeta' konvenuta u terzi persuni fil-waqt li Robert Riolo kien dejjem jaħdem u jidher għan-nom tas-soċjeta' konvenuta u mhux f'ismu. Għalhekk kwalunkwe diżgwid li seta' kien hemm bejn is-Soċjeta' konvenuta u Riolo hija kwistjoni interna ta' bejniethom u ma tirrigwardax lit-terz.

Ġjaladarba ġie stabbilit li kienet is-soċjeta' konvenuta li kienet qed tidħol fi ftehim bejn il-partijiet sabiex is-sidien tad-dgħajjes ikunu jistgħu jżommu d-dgħajjes tagħhom fuq is-sit tas-soċjeta' konvenuta, issa il-Qorti ser teżamina jekk kienx hemm ftehim bil-miktub jew verbali.

Jesmond Sciberras jgħid li kellu kuntratt iffirmat mas-Soċjeta' konvenuta (a fol. 294 sa 296). Iżda dan Jesmond Sciberras xehed ukoll illi ffirma l-kuntratt wara l-inċident u mhux qabel (a fol. 530 sa 533 u a fol. 597). John Galdes ukoll jikkonferma li Jesmond Sciberras iffirma l-kuntratt mas-soċjeta' konvenuta wara l-inċident (a fol. 88 sa 94). Is-soċjeta' konvenuta baqet ma ġabet ebda prova li dan l-imsemmi kuntratt kien iffirmat qabel l-inċident tal-1 ta' Frar 2018 u mhux wara d-data tal-inċident kif ingħad.

Għalhekk, il-Qorti hija moralment konvinta li fid-data tal-inċident, u ċioe' fl-1 ta' Frar 2018, ma kien hemm ebda ftehim bil-miktub bejn Jesmond Sciberras u s-soċjeta' konvenuta. Fis-Sentenza **It-Tabib Arsen Avakyan nomine -vs- Artur Arakelyan tad-9 ta' Mejju 2024, Prim'Awla Qorti Ċivili**, ingħad illi "*Artikolu 993 tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi li "Il-kuntratti għandhom jiġu esegwiti bil-bona fidi, u jobbligaw mhux biss għal dak li jingħad fihom, iżda wkoll għall-konsegwenzi kollha li ġġib magħha l-obbligazzjoni skont ix-xorta tagħha, bl-ekwità, bl-użu jew bil-liġi" (Emfażi tal-Qorti). 18. Huwa tagħlim antik dak li għid li "Qui per alium facit ipse fecisse videtur". (Ara Sentenza fl-ismijiet Joseph Falzon -vs- Calcedonio Cuschieri" – App Kum tat-23 ta' Ottubru 1936 - XXIX.i.1408). U fis Sentenza fl-ismijiet Edward Enriquez et -vs- Avukat Dr. Anthony Farrugia senior et nomine" PA tat-12 ta' Ottubru 1995 ġie osservat hekk: "Il-Qorti tifhem li fejn jirrizulta agir skorett li juri 'mala fides' ma għandhiex thalli lil min jahti għal dan l-agir jiehu vantagg mill-'mala fides' tiegħu. Il ligi tagħna hija mibnija fuq il-'bona fides'. L-ebda negozju giuridiku ma għandu immunita` mill-principju 'fraus omnia corrumpit'.*"

Pero jibqa' li huwa legalment tenut li dan it-tip ta' ftehim seta' jsir kemm verbali kif ukoll bil-kitba. Dan għaliex dan it-tip ta' ftehim ma jaqax taht wahda ta' neogozji ġuridiċi msemmija fl-Artikolu 1233 tal-Kodiċi Ċivili li bilfors iridu jsiru fil-forma miktuba taht piena ta' nullita' (ara **Sentenza fl-ismijiet VASSALLO BUILDERS GROUP LIMITED ġja magħrufa bħala Vassallo Builders Limited vs John A. SAID f'ismu proprju tal-Prim Awla Qorti**

**Ċivili.)**

Għalhekk dak miftiehem bejn is-Soċjeta' konvenuta u l-imsemmi Jesmond Sciberras jorbot u jivvinkola lill-partijiet bil-kundizzjonijiet mifthema kollha anke jekk kien wiehed verbali. Pero', l-unika kundizzjoni li jidher li kien hemm bejn il-partijiet kienet biss, l-ammont ta' flus li kellhom jithallsu biex din id-dgħajsa tinżamm fil-*boat yard*. Kundizzjoni li kif ser naraw aktar 'l quddiem għandha wkoll il-konsegwenza tagħha.

3. *L-azzjoni istitwita mis-soċjeta' assikuratriċi attriċi kontra l-konvenuti u l-kjamat in kawża*

L-azzjoni li qed tkun esperita mis-Soċjeta' Attriċi hija dik trasmessa lilha bis-sahha tal-Istitut tas-surroga. Dwar dan l-Istitut jingħad li :

(1) Li s-surrogazzjoni legali hi mogħtija lis-Soċjeta` Attriċi qua assiguratriċi tal-konjuġi Farrugia. Skond l-interpretazzjoni tas-subinċiż (c) ta' l-Artikolu 1166 tal-Kodiċi Ċivili, *"l' assicuratore era obbligato assieme a colui che era responsabile dei danni di pagare l'ammonto di tali danni, e, quindi, in favore dello stesso vi sarebbe la surrogazione legale"* (**Kollez. Vol. XXVII P III p 492, konfermata fl-appell a Vol. XXVII P I p 873**. Ara wkoll **Sentenza fl-ismijiet Fogg Insurancies Agencies Ltd nomine et -vs- Raymond Azzopardi", 25 ta' Frar 2004**).

(2) Minn dan jitnissel, bis-surroga li l-assiguratur jidhol fid-drittijiet ta' l-assigurat. Dan ifisser li din iġġib suċċessjoni partikolari fil-kreditu bit-trasferiment lill-assiguratur tad-drittijiet li kellu l-assigurat naxxenti ex-delicto kontra min ikkaġonalu d-dannu. B'konsegwenza, l-assigurazzjoni hi

leġittimata li taġixxi bis-sahha tas-surroga kontra t-terz kolpevoli;

(3) Dan ifisser illi bis-surroga l-assigurazzjoni takkwista b'titolu derivattiv id-drittijiet li kellu l-assigurat, bl-istess kontenut u limiti li fihom kienu dawn l-istess drittijiet fil-mument tas-surroga. Għaldaqstant l-assigurazzjoni tissubentra fl-identika, posizzjoni, sostanzjali u proċesswali, tad-danneġġjat di fronte għad-danneġġjant;

(4) Naturalment, l-awtur tal-fatt illeċitu, imsejjah fil-ġudizzju mill-assigurazzjoni tad-danneġġjat li tkun qed taġixxi bil-fatt tas-surroga, jista' jopponi lill-assigurazzjoni l-eċċezzjonijiet kollha li kienu jkunu opponibbli fil-konfront ta' l-assigurat danneġġjat.

Wara li l-Qorti eżaminat il-provi kollha u b'mod partikulati d-dokument tas-surroga tal-1 ta' Frar 2018, il-Qorti tara li s-Soċjeta' Attriċi kellha kull dritt li tinizja dawn il-proċeduri bil-mod inizjati.

1. *__Responsabbilita tas-soċjeta' konvenuta Xwieki (Works) Limited ġja Bitmac (Works) Limited (C 15559)__*

Bħala punt tat-tluq, il-Qorti terġa' tirrileva li ma kien hemm qatt kuntratt bil-miktub bejn il-partijiet illi juri li s-soċjeta' konvenuta kienet meħlusa minn kull responsabbilita'. Iżda anke li kieku kien hemm kuntratt iffirmat, bil-klawsola tgħid illi "*All vessels and gear stored, kept or otherwise located at BIT premises shall be at the sole risk of the Owner. BIT shall not be liable for loss or damage to person or property or delay occurrding from any cause whatsoever* ..." xorta wahda ma tistax teżonera lilha nnifisha mir-

responsabblita' għal kwalunkwe ħsarat li jsofru terzi persuni li jkollhom id-dgħajjes tagħhom depositati magħha fis-sit tagħha. Għalhekk ma jiswa xejn għas-Soċjeta' konvenuta li ssostni fil-kontroeżami ta' Alexia Farrugia li din ffirmat kuntratt, li bih helsitha minn kull responsabbilita' (a fol. 547 u 548).

Il-Qorti trid issa teżamina l-Liġi u l-ġurisprudenza nostrana sabiex tkun tista' tara r-responsabbilita' li kellha s-soċjeta' konvenuta. Artikolu 1029 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi li "*Kull ħsara li tiġri b'aċċident jew b'forza maġġuri, ibatiha, fin-nuqqas ta' dispożizzjoni espressa tal-liġi li tgħid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew il-beni tiegħu tiġri l-ħsara.*" Il-Qorti tirrileva, illi m´hemm ebda distinzjoni legali bejn il-kliem aċċident u forza maġġuri, u li l-kelma jew turi li l-kelma aċċident u forza maġġuri għandhom tifsira waħda. Il-Qorti tagħmel referenza għas-**sentenza fl-ismijiet Alfred Zarb et -vs- Mondial Travel Agency tat-30 ta´ Jannar 2009, Qorti tal-Appell** li wkoll isostnu li l-kliem aċċident u forza maġġuri jfissru l-istess. Anke skond in-nota ta' osservazzjonijiet ta' Robert Riolo, aċċident hi bħal forza maġġuri (a fol. 704).

Pero' xorta irid ikun mifhum xi jfisser aċċident jew forza maġġuri. F'dan ir-rigward il-Qrati tagħna pprovdew il-prinċipji sabiex ikun determinat kienx hemm aċċident jew forza maġġuri. Waħda minn dawn is-Sentenzi hi proprju **Ivor Zammit bħala mandatarju speċjali tal-assenti Giovanna Lazzari vs Christoper u Deborah sive Debbie Agius**, fejn ġie spjegat illi "*Skond il-prinċipji tad-dritt, biex ikun hemm il-kaz fortuwitu mhux bizzejjed li jkun hemm avveniment insolitu, sproporzjonat u li jkun prodott mill-forza tan-*

*natura, imma jehtieg li jkun inevitabbili b'mod li ma jistax jigi evitat bil-diligenza ordinarja tal-"bonus pater familias" (ara sentenza Micallef vs Belle Mc.Cance 7/5/1983 Vol 37 p 2 p 638).*"

F'Sentenza oħra riċenti li tiddiskuti b'mod ampju meta jista' jkun hemm biss forza maġġuri hija **Kevin Camilleri (K.I. 0024183M) v. Emanuel Grixti tat-12 ta' Ġunju 2020, Qorti tal-Appell** jingħad li "*biex tkun tiswa d-difiża tal-forza maġġuri f'aċċident, ma jridx ikun hemm xi sehem, pożittiv jew negattiv (fis-sens ta' ommissjoni jew nuqqas) tal-bniedem [fn. 10 App.Ċiv. 5.10.2001 fil-kawża fl-ismijiet Elmo Insurance vs Joseph Micallef et]. Minbarra dan, huwa mgħallem ukoll li biex ikun hemm il-każ fortuwitu mhux biżżejjed li jkun hemm ġrajja mhux tas-soltu, sproporzjonata, u li tiġri mill-forzi tan-natura, imma jeħtieġ li tkun inevitabbli, (sottolinear ta' din il-Qorti) b'mod li ma tistax tiġi evitata bid-diliġenza ordinarja tal bonus pater familias." [fn. 11 P.A. 7.2.1953 fil-kawża fl-ismijiet Micallef vs Belle McCance noe (Kollez. Vol: XXXVII.ii. 636)]. Hekk ukoll bl-istess mod, fejn xi ħadd jallega li jkun sab ruħu f'qagħda fejn ma seta' bl-ebda mod jevita l-aċċident, ikun irid ta' bilfors juri li jkun sab ruħu f'dik il-qagħda bla ħtija tiegħu: "inevitable accident is where a person, in doing an act which he lawfully may do, causes damage without either negligence or intention on his part." [fn. 12 Charlesworth Law of Negligence (2nd. Edit) pġ. 509].*"

F'dan il-każ, il-Qorti rat li dak li ġara fid-data fatali ma jikkwalifikax bhala forza maġġuri. Kien hemm numru ta' nuqqasijiet min-naħa tas-soċjeta' konvenuta

li wasslu għall-inċident tal-1 ta' Frar 2018. Hija l-fehma tal-Qorti fejn dan l-inċident seta' kien evitat jew il-hsara kontenuta kieku s-soċjeta' konvenuta applikat id-diliġenza ordinarja tal-*bonus pater familias*. Fil-fatt, John Galdes li jokkupa l-pożizzjoni ta' *senior manager* mas-soċjeta' assiguratriċi Attriċi, GasanMamo Insurance Ltd (GMI), stqarr, li s-Soċjeta' Attriċi appuntat lil Elio Desira ta' Oceanus Marine Ltd sabiex jikkonstata jekk dan l-inċident setax ġie evitat mis-Soċjeta' konvenuta li kieku applikat id-diliġenza ta' missier tajjeb tal-familja. Elio Desira, pero', ikkonkluda li kien hemm nuqqasijiet serji fejn tidħol is-sigurta' tal-*boatyard* u liema rapport jinsab (a fol. 26 sa 41). Dan ir-rapport reġa' ġie ppreżentat bil-folji wara xulxin ( a' fol. 66 sa 96).

Ġew ippreżentati set ta' ritratti li juru ċertu nuqqasijiet u minn fejn seta' beda n-nar (a' fol. 551 sa 554). Elio Desira qal illi "*Ippruvajt nikkostata kif seħħ l-inċident iżda minħabba li kien hemm l-inkjesta maġisterjali għaddejja, jiena ma stajtx nagħmel ċerti verifiki u għalhekk żammejt pass lura minħabba f'hekk*" (a fol. 64). Għaldaqstant, dan ir-rapport juri biss in-nuqqasijiet iżda mhux kif beda l-inċident in kwistjoni. Pero' sa fejn jirrigwarda n-nuqqasijiet riskontrati minnu dawn huma tali li ma jistgħux ikunu skartati meta jittiehdu fil-kuntest ta' provi ohrajn, kemm diretti u indiretti u minkejja li dan huwa rapport ex parte. Pero' għalkemm dawn ix-xorta ta' rapporti għandhom valur probatorju l-Qorti hija naturalment dejjem aktar inklinata li toqgħod u tadotta l-parir tal-esperti li jkunu ġew maħtura minnha fil-proċeduri. (Ara s-**Sentenza ta' din il-Qorti tal-25 ta' Settembru, 2006, fl-ismijiet Alfred Farrugia -vs- Mary Rose Meli**).

1. *Is-sit in kwistjoni ma kinitx koperta b'permess sabiex tkun tista' topera s-sit bħala boatyard*

Fil-proċess verbal, il-maġistrat inkwerenti rrefera għal diversi nuqqasijiet li l-espert tekniku M'Louise Caruana Galea rrimarkat fuq il-post, fosthom li ma hemmx permess għal *boatyard* (a fol. 128). Marthese Debono, li hija *judicial representative* tal-Aworita' tal-Ippjanar, xehdet fil-15 ta' Settembru 2020, li ma hemm ebda permess għal *boatyard* u ppreżentat il-permessi kollha li kien hemm fuq is-sit (a fol. 413 sa 415). Hector Camilleri, *general manager* tas-soċjeta' konvenuta, ikkonferma li s-soċjeta' konvenuta ma kellhix liċenzja biex topera *boatyard* (a fol. 73 u 38).

Fir-rapport tagħha kollu identifikat in-nuqqasijiet (a' fol 228 sa 230 u a' fol 376 sa 378). Il-fatt li din il-*boat yard* kienet mingħajr permess ifisser li s-Soċjeta' Konvenuta skapulat l-iskrutinju u l-kundizzjonijiet li normalment tesiġi għalihom l-Awtorita' tal-Ippjanar, fost ohrajn dwar is-sigurta' (ara a' fol 121 et sequens).

**a.** *Nuqqas ta' security guard mas-sit li kienet qed tintuża bħala boatyard*

Elio Desira jgħid "*... għalkemm verament kien hemm guard, pero' dan il-guard ma kienx qiegħed hemm senjatament biss għall-boat yard, iżda kien hemm għall-yard kollu li tikkonsisti f'area estensiva. Di fatti, milli stajt nindaga, lanqas ma kien hu li rrapporta li kien seħħ l-inċident* ..." (a fol. 64). Huwa reġa' xehed fit-3 ta' Marzu 2022 fejn irrepeta li kien hemm *security guard* wieħed biss mas-sit kollha, għalkemm meta ġie mistoqsi mil-liema

regoli din toħroġ li jrid ikun hemm *securtiy guards* iktar, huwa wieġeb li ma jeżistux Malta dawn il-liġijiet (a fol. 539).

Jesmond Sciberras, li kien wieħed mill-persuni li nħarqitlu d-dgħajsa fl-inċident xehed illi kien jiftaħlu l-*watchman* imma dan ma kien isaqsih għal xejn bħala verifiki u jekk ikun hemm xi ħaġa ta' urġenza ma kien hemm ħadd (a fol. 595). Robert Riolo jikkonferma li l-*watchman* kien tas-sit tas-soċjeta' konvenuta kollu (a fol. 602). Li problema b'*security guard* wieħed biss mas-sit kollha ħarġet ċara minn dak li qal Dr. Daniel Vella, li kien appuntat fl-inkjesta maġisterjali sabiex jikkonstata x'wassal għall-inċident tal-1 ta' Frar 2018. Dan jgħid illi "... *Il-gwardjan qiegħed il-bogħod ... Il-gwardjan kien ikun qiegħed fid-dahla viċin id-dahla tal-impjant. L-impjant huwa kbir hafna* ..." (a fol. 619).

Għalhekk din il-Qorti ma tistax tifhem kif dan wahdu qatt seta' jkun tempestiv fit-tifi ta' nar bhal dak mertu tal-Kawża meta lanqas hydrants ma jirrisulta li kien hemm fil-qrib. Li ma tesistix liġi speċifika biex tirregola l-Boat Yards dan ma jesonerax li dak li jkun jiehu l-prekawzjonijiet kollha possibbli abbażi ta' dak li huwa mistennni minnu mill-provvedimenti ġenerali tal-Kodiċi Ċivili fuq imsemmija.

***b.*** *Nuqqas ta' rixtellu fis-sit li kienet qed tintuża bħala boatyard*

Fil-proċess verbal, il-maġistrat inkwerenti rrefera għal diversi nuqqasijiet li l-espert tekniku M'Louise Caruana Galea rrimarkat dwar il-post. Waħda minnhom hi li ma hemm ebda rixtellu li teskludi din iż-żona mill-kumplament tas-sit (a fol. 128). L-imsemmija ppreżentat ir-rapport tagħha f'din il-kawża fejn  in-nuqqasijiet ġew identifikati (a fol. 228 sa 230).

**c.** <u>*Tankijiet tal-qatran viċin is-sit li kienet qed tintuża bħala boatyard*</u>

Paul Coleiro, li jaħdem bħala *deputy director* fid-dipartiment tal-protezzjoni ċivili, xehed illi "*Fuq in-naha tad-dgħajjes, ftit 'l bogħod kien hemm xi storage containers tal-qatran u ahna kellna biza' li ma jmurx jinfirex in-nar fuqhom għax ovvjament kien jikber hafna, u dawn kienu n-naha l-ohra tal-istorage tal-containers li tigi mat-triq minn fejn tidhol*" (a fol. 107).

Huwa xehed ukoll li dawn setgħu jisħnu bis-sħana u kienu jaqbdu u jinfirex iktar in-nar (a fol. 624) għalkemm ma setax jgħid fiċ-ċert kinux mimlijin jew le (a fol. 624). Din ix-xhieda kienet ikkoroborata minn dik ta' Anthony Pisani, li huwa *operations manager* fid-dipartment tal-protezzjoni ċivili, fejn xehed illi beda jibża' li n-nar se jinfirex lejn l-impjant tal-qatran li kien hemm (a fol. 116). Dwar dan il-qatran jirreferi għalih anke Roberto Riolo (a' fol 579).

Għalkemm dan il-qatran ma qabadx, il-fatt li kienet *boat yard*, fejn ma hemmx hydrant, bi bniedem wiehed irid ilahhaq ma' kollox, jindika wkoll is-system of conduct tas-Soċjeta' konvenuta, b'liema leġerezza u diżinvoltura tiehu l-affarijiet. Dan żgur ma jistax jingħad li huwa aġir ta' missier tajjeb tal-familja, li huwa wiehed mill-kejl tal-liġijiet tagħna ai fini ta' responsabbilita'.

**d.** <u>*Nuqqas ta' spazju bejn dgħajsa u oħra li kienu stivati fis-sit li kienet qed tintuża bħala boatyard*</u>

Jesmond Sciberras, wieħed mis-sidien tad-dgħajjes li nħarqu fl-inċident tal-1 ta' Frar 2018, xehed illi kien hemm metru bejn dgħajsa u oħra (a fol. 593). Dan ħareġ ukoll ċar minn dak li xehed Dr. Daniel Vella, appuntat fl-inkjesta maġisterjali sabiex jikkonstata x'wassal għall-inċident, meta f'termini kollokjali qal illi " ... *one meter is peanuts* ..." (a fol. 616).

Peter Paul Coleiro, *deputy director* fid-dipartiment tal-protezzjoni ċivili, f'dan ir-rigward ukoll xehed illi " ... *Pero' kien hemm dgħajjes li ma kinux daqshekk aċċessibbli għax kienu qegħdin kif naqbad ngħidlek, peress li wahda hdejn l-ohra xorta trid toqgħod attent* ..." (a fol. 623) . Filwaqt li kkonferma li d-dgħajjes kienu qisu metru 'l bogħod minn xulxin (a fol. 624). Ma hemm ebda dubbju li l-prossimita' ta' kif tqiegħdu l-opri, kien fattur li kkontribwixxa għat-tixrid tan-nar.

***e.*** ***<u>L-art tas-sit li kienet qed tintuża bħala boatyard ma kinitx skond dak li tipprovdi l-Liġi</u>***

Peter Paul Coleiro, *deputy director* fid-dipartiment tal-protezzjoni ċivili, xehed illi l-art kienet taż-żrar li jfisser li n-nar jekk jaqa' fuqu ma jinfirix (a fol. 624). Pero', fil-proċess verbal, il-maġistrat inkwerenti rrefera għal diversi nuqqasijiet, li l-espert tekniku M'Louise Caruana Galea rrimarkat dwar il-post. Fost oħrajn, qalet li l-art tal-*boatyard* huwa tat-terrapin u mhux *impervious* hekk kif jeżiġu l-linji gwida ġodda tal-*Environmental Permit* u għalhekk likwidu u żjut li jaqgħu mal-art jispiċċaw fis-sotterran

(a fol. 128). Hija xehdet fuq dan ir-rapport fit-18 ta' Frar 2020 li l-art li kienet terrapien (a fol. 376 sa 378).

**f.** ***Id-dgħajjes kienu mqabbdin mal-elettriku li kien provdut fuq is-sit mis-soċjeta' konvenuta***

Jesmond Sciberras, wieħed mis-sidien li nħarqitlu d-dgħajsa xehed li kull dgħajsa kellha point fejn tqabbad il-*plug* (a fol. 594). Xehed ukoll dwar dan Robert Riolo fil-25 ta' April 2023 (a fol. 602). Iżda, diversi persuni xehdu li numru sostanzjali ta' dgħajjes kienu kontinwament imqabbdin mal-elettriku. Fil-fatt, Darren Cuschieri, wieħed min-nies li kellu dgħajsa ġo din il-boatyard, xehed li d-dgħajsa tiegħu tkun imqabbda mas-*shorepower* biex il-batteriji jibqgħu ċċarġjati (a fol. 373).

Il-Qorti setgħet ukoll tikkonstata b'liema b'mod dawn id-dgħajjes kienu jkunu mqabbdin mal-elettriku mir-rapport ta' Dr. Daniel A. Vella li, appuntat fl-inkjesta maġisterjali sabiex jikkonstata x'wassal għall-inċident dan juri li Robert Riolo qal li d-dgħajjes kollha, minbarra waħda, li kienu pparkjati mal-*boundary wall* kienu mqabbdin mal-elettriku (a fol. 344). Dan kompla kkonferma li Lady Graziella kienet imqabbda mal-elettriku. Din id-dgħajsa kienet mal-*boundary wall* immarkata bħala numru 4 (a fol. 355). Il-proċess verbali jirreferi wkoll għar-rapport tal-espert forensiku Dr. Daniel Vella li qal li Robert Riolo stqarr li kienet imqabbda mas-supply tal-elettriku tal-*boatyard.* Iżda l-Qorti osservat ukoll li Cleaven Portelli qal li kien tiela' s-*shore power*

*cable* imma ma kienx proprju kkonnetjat (a fol. 139 u 357).

Dr. Daniel Vella fir-rapport tiegħu jgħid illi "*Waqt l-aċċess, l-esponenti osserva wajer tal-elettriku mikxuf fuq ir-ramm tiela' għal fuq id-dgħajsa Lady Graziella, ara Figura 19. Socket u plakka mdaħħlin ġo xulxin bil-cables tal-elettriku maqtugħin miż-żewġ naħat instabu fuq in-naħa ta' wara tal-boundary wall flimkien ma' oġġetti oħra li allegatament kienu jappartjenu għad-dgħajsa Lady Graziella (ara Figura 15a u b). Dan seta' juri possibilment li d-dgħajsa filfatt kienet imqabbda mal-elettriku*" (a fol. 139 u 357). Qal ukoll li ma jidher li kien hemm ebda ċaqliq ta' persuni u l-aċċess mit-triqat tal-madwar huwa limitat (a fol. 139). Għalhekk dan ix-xhud jgħid illi "*L-esponenti jikkonkludi għalhekk li n-nar beda riżultat ta' xi xort fl-elettriku fuq appliance li kien hemm fuq il-parti ta' ġewwa tad-dgħajsa u li fil-ħin tal-inċident kienet imqabbda mal-elettriku ... L-esponenti pero' ma jistax jgħid fuq liema minn dawn l-appliances beda n-nar*" (a fol. 140 u 358).

Dr. Daniel Vella reġa' xehed dwar dan fit-2 ta' Novembru 2023 u qal illi "... *kien hemm il-wire tiela'* ..." (a fol. 617) għalkemm ma setax jgħid jekk kienx imqabbad jew le għax kien maħruq meta mar hu fuq il-post għalkemm kompla jispjega li "... *Jiena li qed ngħid huwa illi probabbilment kien hemm xi haga tal-elettriku għax jidher li d-dgħajjes ta' wara kollha kemm huma mhux din biss kienu mqabbdin max-shore power u dana ehe jista' jkollok short fuq xi appliances ohra, semmejthom fil-, dan hareg mix-xhieda u hareg ukoll minn dokument illi l-istess sid għadda ta' x'appliances kellu on board*" (a fol. 617). Aktar tard jerga' jikkonferma li kien hemm xi *short* fuq l-*appliances* li kien

hemm fuq id-dgħajsa (a fol. 618) u spjega wkoll għaliex ikkonkluda hekk. Matthew Muscat, il-kjamat in kawża u mil-liema dgħajsa beda n-nar, xehed illi "*Ara kien jiehu hsieb Cleaven pero' bhal kwalunkwe dgħajsa ohra inti thalli x-shore cable imqabbad mad-dgħajsa biex il-batteries ma jaqawx flat. Qed tifhem jibqa' jekk ikollok, pero' ma niftakarx jekk kellix il-cable tal-elettriku mqabbad mad-dgħajsa*" (a fol. 641). Elio Desira jgħid illi "... *Meta mort fuq il-post kien hemm diversi sockets ta' power-supply li kienu esterni u kien għad hemm apparat ipplagjat ġo fihom u jien ħadt ritratti tagħhom*." (a fol. 64). Dan qal ukoll illi l-installazzjoni tal-elettriku ma kinitx kif kellha tkun (a fol. 569 sa 570). Meta John Farrugia kien mistoqsi minn Elio Dwsira, ammetta li l-batterija kienet imqabbda imma mitfija (a fol. 40 u 69).

*Nuqqas ta' ilma fuq is-sit li kienet qed tintuża bħala boatyard*

Jesmond Sciberras jgħid illi kien hemm ħafna outlets tal-ilma wara d-dgħajjes (a' fol 594 ara wkoll xhieda Robert Riolo a fol. 602). Pero', Elio Desira jgħid illi "... *Kien hemm supply ta' ilma normali pero' ma kien hemm l-ebda evidenza li kien hemm xi fire hydrants*." (a fol. 64).

Peter Paul Coleiro jgħid illi "*L-owner tlabnieh biex jekk għandu xi giebja jew xi pompi jew affarijiet hekk. Għall-bidu qisu ma kienx jaf ezatt fejn imbagħad qabbad xi nies u tana xi giebja li tesa' 4,000 litru ilma pjuttost huma ammont zgħir għal li kellna* ..." (a fol. 106). Dan xehed ukoll li użaw 19,000 litru ilma u 7,000 litru foam (a fol. 106). Dan l-ammont ħareġ ukoll mid-daily inċident

reports li jkunu mlew stess il-protezzjoni ċivili (a' fol. 111 sa 114). Din ix-xhieda kienet ikkoroborata minn dik ta' Anthony Pisani, li huwa *operations manager* fid-dipartment tal-protezzjoni ċivili meta qal illi ġabu vetturi kbar mimlija bl-ilma sabiex jitfu n-nar (a fol. 115). Iktar tard fl-istess xhieda xehed kemm tesa ilma din il-vettura u xehed fuq l-ammont preċiż ta' foam u ilma li użaw ammonti li jaqblu ma' dawk ta' Peter Paul Coleiro (a fol. 116 u 117).

Fl-ahhar nett fuq dan il-punt irid jingħad li fir-rigward ta' *fire extinguishers*, Elio Desira qal illi *"Mill-indaġni li stajt nagħmel, irriżulta li kien hemm xi fire extinguishers pero' dawn ma tantx kienu faċilment aċċessibbli kif jista' jidher mir-ritratti innifishom. Fil-fatt stajt ninnota li dawn lanqas biss kienu intużaw*." (a fol. 64).

***f.*** *<u>Nuqqas ta' alarms jew CCTV cameras jew fire extinguishers fuq is-sit li kienet qed tintuża bħala boatyard</u>*

Fir-rigward ta' alarms, Peter Paul Coleiro, xehed illi "... *alarms ma nafx li kien hemm* ..." (a fol. 108).

Fir-rigward ta' CCTV cameras, il-proċess verbal jirreferi għar-rapport tal-espert forensiku Dr. Daniel Vella li qal li fl-opinjoni tiegħu kien hemm distanza ta' 70m bejn il-kameras ta' fejn id-daħla tal-*boatyard* u d-dgħajsa. Din kienet parzjlament moħbija minn kamera oħra ta' 25m biex wieħed seta' jinduna li n-nar beda minn fuq din id-dgħajsa imma l-isplużjoni u d-danni setgħu iwasslu għal din il-konklużjoni (a fol. 137, 354 u 355).

Il-proċess verbal ukoll jirreferi għar-rapport tal-espert forensiku Dr. Daniel Vella li qal li fl-opinjoni tiegħu, li n-nar beda b'mod aċċidentali minn fuq id-dgħajsa bl-isem Lady Graziella hi probabbilita' kbira. Beda l-ewwel fuq in-naħa ta' ġewwa tad-dgħajsa u wara ħareġ fuq il-parti ta' barra tagħha u kien hawnhekk li nqabad mill-kameras tas-sigurta' u wara seħħet l-isplużjoni kbira fuq l-istess dgħajsa (a fol. 137 u a fol. 354). Dr. Martin Bajada, espert imqabbad mill-Qorti, wkoll ikkonferma li beda n-nar u wara kien hemm l-isplużjoni (a fol. 189) u li dan seħħ fuq id-dgħajsa li kienet immarkata numru 4 fuq ic-CCTV site plan (a fol. 189). Minn dokumentazzjoni oħra l-Qorti setgħet tagħraf li din hija d-dgħajsa Lady Graziella li tappartjeni lill-kjamat in kawża, Matthew Muscat.

Fir-rigward ta' *fire extinguishers*, Elio Desira qal illi *"Mill-idanġni li stajt nagħmel, irriżulta li kien hemm xi fire extinguishers pero' dawn ma tantx kienu faċilment aċċessibbli kif jista' jidher mir-ritratti innifishom. Fil-fatt stajt ninnota li dawn lanqas biss kienu intużaw*." (a fol. 64).

*<u>Nuqqas ta' iċċekjar fuq id-dgħajjes mis-soċjeta' konvenuta meta jkunu fis-sit tas-soċjeta' konvenuta</u>*

Robert Riolo jgħid illi d-dgħajjes l-oħra qabdu għax kien hemm l-isplużjoni mid-dgħajsa u taru xi biċċiet minnha u mhux għax kienu viċin xulxin (a fol. 580). Dan ix-xhud jgħid ukoll illi Elio Desira infurmah li kien hemm xi

nuqqasijiet fuq id-dgħajsa Lady Graziella imma din xorta waħda ġiet inxurjata (a fol. 581). Dan ix-xhud reġa' għal darb'oħra prova jitfa' l-ħtija fuq il-kjamat in kawża, Matthew Muscat, meta qal li l-*watchman* li kien preżenti ma setax jintervjeni għaliex " ... *Hemmhekk mhux qabdet dgħajsa bil-mod u qgħadu kulħadd jiċċassa u komplew jaqbdu d-dgħajsa, hemmhekk splużjoni ta' dgħajsa, waħda, splużjoni waħda, mbagħad splużjoni ikbar, fit-tieni splużjoni għoliet il-parti ta' fuq tad-dgħajsa li nsejjħulha s-super structure, id-deck, għoliet taqbad u niżlet fuq kwantita' ta' dgħajjes oħra li kienu viċin li konsegwentament qabdu kollha. Jiġifieri tista' tgħid illi d-dgħajjes qabdu kollha f'salt*" (a fol. 606).

Pero', Dr. Martin Bajada kkonferma li beda n-nar u wara kien hemm l-isplużjoni (a fol. 189) u li dan seħħ fuq id-dgħajsa li kienet immarkata numru 4 fuq ic-CCTV site plan (a fol. 189). Mid-dokumentazzjoni l-Qorti setgħet tagħraf li din hija d-dgħajsa Lady Graziella li tappartjeni lill-kjamat in kawża, Matthew Muscat. Peter Paul Coleiro jgħid illi d-dgħajsa, Lady Graziella, kienet l-ewwel qed taqbad u l-isplużjoni seħħet wara meta saħan iċ-ċilindru tal-gass (a fol. 622) li kien fuq din id-dgħajsa (a' fol 622). Cleaven Portelli, li kien jieħu ħsieb id-dgħajsa Lady Graziella għan-nom tas-sid Matthew Muscat li huwa l-kjamat in kawża, xehed fl-1 ta' Frar 2024 li "*Kien hemm cilindru mingħalija*" (a fol. 650). Fil-fatt, din il-verżjoni taqbel ma' dak ikkonstatat minn Dr. Daniel Vella.

Il-proċess verbali jirreferi għar-rapport tal-espert forensiku Dr. Daniel Vella li

kkonkluda li n-nar beda b'mod aċċidentali minn fuq id-dgħajsa bl-isem Lady Graziella li bi probabbilita' kbira beda l-ewwel fuq in-naħa ta' ġewwa tad-dgħajsa u wara ħareġ fuq il-parti ta' barra tagħha u kien hawnhekk li nqabad mill-kameras tas-sigurta' u wara seħħet l-isplużjoni kbira fuq l-istess dgħajsa (a fol. 137 u a fol. 354).

Dan qal li "*huwa tal-opinjoni li l-ispjuzjoni li sehhet fuq il-Lady Graziella oriġinat minn fuq iċ-ċilindru tal-gass tal-Liquified Petroleum Gas (LPG) li, skond ma stqarr Cleaven Portelli kien stivat skonettjat, ġewwa l-access port, fuq il-parti ta' quddiem tad-dgħajsa*". Qal ukoll li jidher li dan iċ-ċilindru itir (a' fol 137, a' fol 138, a' fol 355 u a' fol 356). L-għata tal-leak u l-fibreglass ma kellhiex sinjali ta' ħruq fuqha li jindika li n-nar kien fuq ġewwa tad-dgħajsa (a fol. 138 u 356). Dr. Daniel Vella jsostni li " ... *dal-materjal li tar minn fuq id-dgħajsa, giex fuq dgħajjes ohra u seta' kienx il-kagun li qabbadhom jew le, iva, seta' iva, seta' le. Jigifieri*" (a fol. 615).

Issa kif diġa' rilevat, l-uniku security guard li kien hemm ma jidhirx li kien istruwit biex jikkontrolla jekk fuq id-dgħajsa kien hemm materjal komb ustibbli jew splossiv, talinqas provi f'dan ir-rigward ma ġewx imressqa. F'dan ir-rigward Matthew Muscat, il-kjamat in kawża, ma jiftakarx jekk is-sid tal-*boatyard* telax fuq id-dgħajsa meta ħa d-dgħajsa l-*boatyard* (a' fol. 643) u li "*Le. Ma niftakarx li talabani (is-sid) innehhi xi affarijiet mid-dgħajsa*" (a fol. 643) għalkemm lanqas ma seta' jeskludi li kellem lil Cleaven fuq hekk (a fol. 643). Iżda huwa mix-xhieda ta' Peter Paul Coleiro, li jaħdem bħala *deputy*

*director* fid-dipartiment tal-protezzjoni ċivili, illi “*... zgur li fid-dgħajjes kien hemm ukoll cilindri tal-gass il-għaliex meta wasalt jien splodew xi tnejn* ...” (a fol. 108). Is-Soċjeta’ konvenuta ma ġabet ebda prova li turi li kienet tiċċekja li ma hemm xejn li jista’ jikkawża inċident fuq xi dgħajsa li kienet tkun fuq is-sit.

L-anqas ma jista’ jingħad li n-nar tferrex minhabba fatturi klimatiċi bhal ma hu r-riħ għaliex Peter Paul Coleiro xehed illi “*Id-direzzjoni tar-rih kienet sejra jekk qed inhares lejn id-dgħajjes kienet sejra lura jigifieri gejja minn wara daharna kienet is-sitwazzjoni ideali għalina biex nahdmu wkoll bhala safety. Kienet sejra fid-direzzjoni lejn San Gwann*” (a fol. 107).

Lanqas ma jista’ jingħad li dan in-nar infirex għax kien hemm xi materjal fuq id-dgħajsa Lady Graziella li hija tal-kjamat in kawża għaliex Matthew Muscat xehed fit-8 ta’ April 2024 illi Cleaven Portelli kien għadu ma xtara ebda materjal biex isewwi d-dgħajsa (a fol. 645).

2. *<u>Iċċekjar mis-soċjeta’ assiguratriċi ta’ boatyards</u>*

John Galdes għas-soċjeta’ assiguratriċi attriċi, xehed fis-27 ta’ Settembru 2022 illi huma joqogħdu fuq il-kelma tal-klijent li d-dgħajsa qiegħda ġo *boatyard* u li qiegħda *safe* (a fol. 560 u 561). Safejn jaf hu ma hemmx lista li tgħid liema *boatyards* huma *safe* jew le. Dan ix-xhud jgħid li għall-kumpanija assikuratriċi l-importanti hu li jkun post sikur u magħluq tant li jista’ jkun ukoll garaxx per eżempju (a fol. 573). Bhala regola s-Soċjeta’

Attriċi qua assikuratriċi ma tagħmilx verifiki għax tassikura d-dgħajsa u f'każ li ssib li ma kienx kif ġie dikjarat, dak ikun hemm ksur tal-kundizzjonijiet tal-polza tal-assigurazzjoni (a fol. 573). Ir-responsabbilita' hija kollha fuq il-klijent abbażi tal-prinċipju *ubirrime fides.*

Kif tgħid sewwa fir-rikors ġuramentat tagħha is-Soċjeta' Attriċi, il-ħażna ta' din id-dgħajsa aktar u aktar meta din saret bi hlas, għabbiet lis-Soċjeta' konvenuta bl-obbligi tad-depositarju. Kif jiddisponi l-artikolu 1899 tal-Kodiċi Ċivili:

"*Id-depożitarju għandu, fil-kustodja tal-ħaġa taħt depożitu, jieħu ħsieb daqs kemm jieħu fil-kustodja ta' ħwejġu*". U peress li dan sar bi hlas l-obbligu taht l-artikolu imsemmi għandu jkun applikat b'aktar severita'. (artikolu 900(1)(b) tal-Kodiċi Ċivili). Dan għaliex li bhala regola l-istitut tad-depositu huwa wiehed gratwitu għalkemm ma hemm xejn li jżomm lill-partijiet milli jifthemu mod iehor (artikolu 1892 tal-Kodiċi Ċivili).

L-awturi jispjegaw li "*il depositario conserva semplicemente gli oggetti che gli sono affidati, mentre il mandatario li usa nell'interesse del mandante e in conformità alle istruzioni dal medesimo ricevute*" (Ara **Baudry-Lacantinerie, Del Mandato, para. 404.**) Intqal ukoll li "*fa d'uopo che lo scopo principale della tradizione sia unicamente che quegli cui vien fatta la tradizione s'incarichi della custodia di essa. Questo scopo forma il carattere essenziale del contratto di deposito, che lo distingue dagli altri contratti"* (Ara **Pothier, Del Deposito Cap. 1, para 9**).

Kif diġa' rilevat, il-każ li għandha quddiemha huwa dak ta' depositu onerus għaliex għalih sar il-ħlas. B'hekk il-prinċipju tal-*bonus pater familias,* irid bis-saħħa tal-liġi, jkun applikat b'aktar severita'. Dan ma jfissirx xi grad ogħla ta' attenzjoni, iżda din il-Qorti għandha b'mod l-aktar skrupluża teżamina fejn naqset is-Soċjeta' Konvenuta.

Għalhekk fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti hija tal-fehma soda li s-Soċjeta' konvenuta għandha twieġeb għal dak li seħħ fil-*boat yard* tagħha u konsegwentement għad-danni li diġa' tħallsu mis-Soċjeta' Attriċi lill-assikurati tagħha, il-konjuġi Farrugia.

3. *Responsabbilita' ta' Robert Riolo u Matthew Muscat*

Kwantu għal dan il-konvenut jidher ċar li dan kien qiegħed jaġixxi qua impjegat tas-Soċjeta' konvenuta. Għalkemm jidher li s-Soċjeta' konvenuta qed tipprova tisposta r-responsabbilita' fuq dan il-konvenut, dan kien biss lunga manu tal-Bord tad-diretturi. Tant huwa minnu li meta presenta kuntratt lill-konjuġi Farrugia biex tiffirmah, dan ġie lura u qalilha li dak il-kuntratt ahjar tqattgħu għaliex is-sidien ta' Bitmac ma kinux aċċettawh (a' fol 54). Fil-fatt f'dan il-kuntratt tidher biss is-Soċjeta' konvenuta u l-konvenut Riolo ffirma għan-nom ta' din is-Soċjeta'.

Jirriżulta wkoll li meta kien hemm bżonn li jitneħħa dak li kien fadal mid-dgħajjes, it-talba saret min Paul Magro għan-nom tas-Soċjeta' konvenuta u mhux mill-konvenut Riolo (a' fol 60). Kull relazzjoni interna bejn is-Soċjeta'

konvenuta u l-konvenut Riolo kienet kwistjoni interna bejniethom u ma tirrigwardax lill-konjuġi Farrugia.

Sa fejn jirrigwarda dan il-konvenut, stante li ma kellux ikun leġittimu kontradittur, il-Qorti ser tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.

Fil-każ ta' Matthew Muscat il-Qorti mill-ewwel tagħmel referenza għas-Sentenza fl-ismijiet **Vincent Cauchi -vs- Michael Vella et", 7 ta' Lulju, 1992, Qorti tal-Appell** fejn kien osservat illi kien korrett li t-terz jiġi kjamat in kawża għax "*hu kellu jkun prezenti biex jiehu parti fil-vertenza biex jekk hemm bzonn jiddefendi lill konvenut li kien dahhlu floku, sabiex ma jkunx jista', f'gudizzju iehor, jobbjetta, kontra l-konvenut, li dan seta' jiddefendi ruhu b'certu mod, kontra l-attur, imma m'għamlux. U dan hu wiehed mill-iskopijiet principali ta' l istitut tal-kjamata in kawza. Skop iehor ta' l-istitut huwa dak ta' l-ekonomija tal-gudizzji, pero` dan l-iskop jista' jintlahaq biss fil-kazijiet kongruwi u possibbli".*

Issa l-Qorti tosserva li din il-Kawża ma hiex issir kontra l-kjamat biex tirriklama danni. Din il-Kawża qed issir mis-Soċjeta' Attriċi li mal-imsemmi ma kellha ebda relazzjoni ġuridika. L-unika relazzjoni ġuridika li għandha s-Soċjeta' Attriċi hija versu s-Soċjeta' konvenuta kif issurogata fid-drittijiet tal-konjuġi Farrugia.

Di pju, il-premessi u t-talbiet fir-rikors ġuramentat huma kjarament diretti

kontra s-Soċjeta' konvenuta u mhux kontra l-kjamat fil-Kawża. Għalhekk Matthew Muscat ma hux fil-mira tar-rikors ġuramentat. Kieku s-Soċjeta' Attriċi riedet tolqot lill-imsemmi bil-pretensjonijiet odjerni tagħha ma kien hemm xejn xi jżommha li tinkludih mill-ewwel bhala parti meta ma hemm ebda dubbju kienet diġa' taf bih qabel ma bdiet il-Kawża.

4. *Ammont ta' ħsarat sofferti mill-attur, Jesmond Sciberras*

Dr. Anthony Cutajar fir-rapport tiegħu jgħid li għall-ammont tad-dgħajsa bħala hsarat huwa dak ta' Eur 190,000 (a' fol. 295 u 296 u a' fol. 385).

Fid-dawl tal-provi li għandha quddiemha l-Qorti ser tqis l-ammont ta' ħsarat fl-ammont ta' Eur 189,050, fejn ukoll ġie ppreżentat iċ-ċekk li rċieva Jesmond Sciberras li jinsab a fol. 586.

5. *Imgħax*

Fir-rigward ta' dan l-ammont dovut mis-soċjeta' konvenuta lis-soċjeta' attriċi, is-soċjeta' attriċi qiegħda titlob l-imgħax. F'dan ir-rigward, it-Tribunal jagħmel referenza għall-artikolu 1141 tal-Kodiċi Ċivili. F'dan il-każ, jidher ukoll illi tali obbligazzjoni hija ta' natura kummerċjali skond l-Artikolu 5 (e) tal-Kodiċi kummerċjali. B'dan illi għaldaqstant, għandu japplika s-sub-artikolu 1 tal-Artikolu 1141 hawn imsemmi. Għaldaqstant, tali imgħax beda jiddekorri mid-data li kellha tiġi eżegwita u ċioe' mid-data ta' meta kien

ippreżentat ir-rikors ġuramentat mis-soċjeta' attriċi fit-12 ta' Diċembru 2018. Dan mhux il-każ li jkun applikat il-prinċipju ta' *illiquidis non fit mora.* Dan l-argument huwa bbażat fuq il-fatt li ma hiex ħaġa sewwa li tagħti imgħax fuq ammont li d-debitur ma jkunx jaf kemm hu. Iżda eċċezzjonijiet għal din ir-regola hemm fosthom meta l-ammont ikun ċert tant li jkun konfermat bl-għoti tas-Sentenza (ara **Giorgio Giorgi Teoria Obbligaz Vol III pag 202** u ara wkoll **Sentenza Vol LXXXI-I-359 Schembri vs Dr L Buhagiar 28/2/1997**).

Issa f'din il-Kawża t-talbiet kienu sa mill-bidu dwar ammont li din il-Qorti taqbel miegħu. Somma kapitali li s-Soċjeta' Attriċi ġiet imċahhda minnu tal-inqas sa mil-bidu ta' din il-Kawża u ċioe' mit-12 ta' Diċembru 2018. Għalhekk l-imgħaxijiet ser jingħataw skond din id-data.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qegħdha taqta' u tiddeċiedi l-kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel talba tas-soċjeta' attriċi** limitatament fil-konfront tas-soċjeta' konvenuta Xwieki (Works) Limited (C 15559) ġa Bitmac (Works) Limited hija responsabbli u għalhekk għandha twieġeb għall-hsarat kif fuq imsemmija.

**Tilqa' t-tieni talba tas-soċjeta' attriċi** u tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta

Xwieki (Works) Limited (C 15559) ġa Bitmac (Works) Limited tħallas is-somma ta' mija u disgħa tmenin elf u hamsin ewro (€189,050) lis-soċjeta' Attriċi bl-imgħax ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena li beda jiddekorri mit-12 ta' Diċembru 2018 sal-pagament effettiv.

**Tillibera mill-osservanza tal-ġudizzju** lill-konvenut Robert Riolo u lill-kjamat in kawża Matthew Muscat.

Bl-ispejjeż jitħallsu mis-soċjeta' konvenuta Xwieki (Works) Limited (C 15559) ġa Bitmac (Works) Limted hlief dawk tal-kjamat in kawża li ġie mitlub mis-Soċjeta' Attriċi. Għalhekk għandha tkun din li tissoporti l-ispejjes tiegħu.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**